Minuti tal-Laqgħa Nru.21 tar-Raba' Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 27 ta' Frar 2006 fil-4.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe Piscopo A.Mus.L.C.M. |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana<br>Is-Sur Silvio Schembri<br>Is-Sinjura Monica Camilleri<br>Is-Sur Raymond Saliba |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju Eżek. | Is-Sur Michael Borg |
| **Skużat:** | Is-Sur Joe Camilleri |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenzi għall-Minuti
3. Korrispondenza
4. Mistoqsijiet
5. Ix-Xelter tal-Pjazza
6. Il-Monument ta' Triq San Tumas
7. Rapport taż-Żjara fi Fiumicino
8. Abbozz ta' Estimi Finanzjarji 2006/2007
9. Ħlasijiet

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 20 li, peress li ma kienx hemm emendi għalihom, ġew approvati fuq mozzjoni tas-Sur Victor Caruana u ssekondata mill-Viċi Sindku Joe Piscopo.

## 2. RIFERENZI GĦALL-MINUTI

2.1 Is-Sur Silvio Schembri qal li l-aħħar laqgħa ffissat it-28 ta' Frar 2006 bħala d-'deadline' li fih kull Kunsillier interessat kellu jissottometti artiklu biex jiġi ppubblikat fil-magażin tal-Kunsill. Peress li ħadd ma ppreżenta dan l-artiklu, id-'deadline' ġie estiż għal ġimgħa oħra.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku ta resume' tal-korrispondenza li daħlet sas-27 ta' Frar 2006, fosthom :

a) E-mail mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-Board of Petitions.
b) E-mail mill-AKL dwar l-Iskema tat-telefonija "Hello" u li l-Kunsill iddeċieda favur li jabbona fiha.
c) Ittra mill-Fondazzjoni għal Servizzi Mediċi li tistieden lill-Kunsill biex jorganizza mawra edukattiva fl-Isptar Mater Dei.
d) Acknowledgements għal ittri tal-Kunsill mingħand il-Ministri Louis Galea, Jesmond Mugliett u Ninu Zammit.
e) Memo 4/2006 dwar l-Avviż Legali Nru 22 ta' l-2006 fejn uffiċjali u membri tal-Kunsill Lokali jistgħu jinżammu personalment responsabbli meta jirriżulta li jkun hemm ksur tar-regolamenti finanzjarji

- Ġiet innotata wkoll il-korrispondenza kollha li daħlet mill-MEPA wara li din ġiet ivverifikata mis-Sur Victor Caruana.

## 4. MISTOQSIJIET

4.1 Is-Sur Victor Caruana staqsa jekk kienx hemm żvilluppi fuq l-applikazzjoni għad-devoluzzjoni ta' l-art fi Triq San Tumas. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill kien qabel li jirrevedi l-pjanta oriġinali peress li dawn kienu jaħsbu għal proġett favoluż. Dawn ġew riveduti mill-Perit tal-Kunsill u qegħdin fil-fażi li, flimkien ma' l-applikazzjoni, jiġu sottomessi mill-Kunsill lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-konsiderazzjoni.

4.2 Is-Sinjura Monica Camilleri ġibdet l-attenzjoni għall-munzelli ta' skart li qed ikun hemm fi Triq il-Ħabaq. Dwar dan għanda tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur.

4.3 Wara li talab u ngħata l-permess tas-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv qal li qiegħed jitlob l-awtorita' tal-Kunsill sabiex il-Kunsill japplika għat-24x7 Banking Services li jipprovdi l-Bank of Valletta plc. Wara li s-Segretarju Eżekuttiv elenka l-benefiċċji li jipprovdi dan is-servizz speċjalment fil-ħruġ ta' Bank Statement fil-ħin, il-Kunsill unanimament qabel mal-proposta tas-Segretarju Eżekuttiv.

4.4 Is-Sur Raymond Saliba ġibed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li jinżabru s-siġar f'Ħal Farruġ. Is-Sindku wieġeb li dwar dan jiġi kkuntattjat is-Sur Jimmy Briffa.

4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fil-bini tal-Kunsill ma jeżisti ebda ħjiel ta' sigurta'. Apparti li waqt il-ħin ta' l-uffiċċju jitilgħu nies li ssibhom ma' wiċċek jiġu wkoll nies aggessivi li mhux l-ewwel darba li jkunu se jħebbu għalina. Żied igħid li l-Maltacom illum tipprovdi servizz tal-Carelink li jikkonsisti f'alarms li jkunu għal 24 siegħa sħaħ tal-ġurnata komunikati ma' Monitoring Centre, li min-naħa tiegħu jkun imqabbad ma' ċentru ta' emerġenza u l-Pulizija. Peress li din is-sistema toffri ċerta' sigurta', is-Segretarju Eżekuttiv talab l-awtorizżazzjoni tal-Kunsill sabiex nabbonaw fiha fuq bażi ta' kiri. Il-Kunsill unanimament qabel mat-talba tas-Segretarju Eżekuttiv.

## 5. IX-XELTER TAL-PJAZZA

5.1 Is-Sindku qal li dwar dan is-suġġett diġa konna tkellimna. Imma minkejja li wieħed jista' jara xi problemi hemm, xorta waħda rridu niftħu biex naraw x'verament hemm. Dwar dan, il-Kunsill diġa kiteb lid-Dipartiment ta' l-Art fejn urieh li l-Kunsill kien se jagħti bidu biex issir xi ħaġa dwar ix-xelter. Madankollu d-Dipartiment qatt ma wieġeb.

5.2 Il-Kunsill qabel ma' suġġeriment tas-Sur Victor Caruana li qabel ma naqbdu u niftħu, tintbagħat ittra lill-Ministru Tonio Borg fejn jingħad li l-Kunsill kiteb u baqa' bla tweġiba mid-Dipartiment ta' l-Art u issa, qabel ma nibdew ix-xogħol, ħassejna li għandna ninfurmaw lilu bħala l-Ministru responsabbli mid-Dipartiment.

## 6. IL-MONUMENT TA' TRIQ SAN TUMAS

6.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill kiteb lill-awtoritajiet konċernati kollha biex jipprotesta kontra l-installazzjoni ta' dak il-monument li joffendi l-morali pubblika, liema monument twaqqaf anke mingħajr konsultazzjoni mal-Kunsill.

6.2 Bi qbil unanimu l-Kunsill se jerġa' jikteb lill-Ministeru responsabbli mit-toroq fejn, barra li jikkundanna d-deċizjoni arbitrarja li ttieħdet, jitlob ukoll għat-tneħħija tiegħu.

## 7. RAPPORT TAZ-ZJARA FI FIUMICINO

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta rapport taż-żjara li hu flimkien mal-Kunsillier Silvio Schembri għamlu fi Fiumicino bejn id-9 u 14 ta' Frar 2006.

7.2 Is-Sur Silvio Schembri qara r-rapport u wara ta spjegazzjoni ta' punti mqajmin mill-Kunsillieri. Huwa ta wkoll ħjiel ta' l-applikazzjoni li saret mill-Kunsill tagħna biex jinkisbu fondi mill-Unjoni Ewropeja għall-organiżżazzjoni ta' konferenza mqassma fuq għaxar xhur. (Kopja tar-rapport tinsab mehmuża ma' dawn il-Minuti u għandha titqies bħala li tagħmel parti minnhom).

## 8. ABBOZZ TA' ESTIMI FINANZJARJI 2006/2007

8.1 Peress li dan l-abbozz ta' estimi ġew imqassma minn jiem qabel, is-Sindku qal li dawn għandhom jittieħdu bħala moqrija u għalhekk talab jekk kienx hemm mistoqsijiet jew kummenti x'jagħmlu.

8.2 Wara li saru xi mistoqsijiet li ġew imwieġba mis-Segretarju Eżekuttiv, is-Sindku ressaq l-Estimi għall-approvazzjoni. Dawn ġew approvati unanimament.

## 9. ĦLASIJIET

9.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sas-27 ta' Frar 2006 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

- Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi, fis-6.00 p.m. is-Sindku ddikjara l-laqgħa bħala magħluqa.

Konfermati llum_____ ta' Marzu 2006.

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| John Schembri | Michael Borg |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |